Minuti tal-laqgħa numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru, 2025 fil-5.30pm fl-Uffiċini tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Graziella Galea | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

Is-Seduta bdiet mingħajr il-kunsillieri: is-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Rudolph Grima

16.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Presedenza u Apoloġiji

Is-Sur Paul Grech bagħat messaġġ fuq Whatsapp lis-SE li ma setax jattendi għal din il-laqgħa. Il-kunsillieri unanimament skużawh. Is-seduta kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

16.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħmistax** — Minuti

Il-minuti kienu mibgħuta permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri. Kienu meħuda b'moqrija. Saret korrezzjoni mis-Sa Charmaine Balzan billi f'punt 15.03 – fejn ingħataw struzzjonijiet lis-SE biex jitħallsu l-kontijiet tar-Rabat Sacrum qabel ma jidhru fi skeda numru 374 biex ħadd ma jdum jistenna l-ħlas, jiżiedu magħhom l-ispejjeż ta' Jum ir-Rabat.

Il-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sa Charmaine Balzan u kienu approvati b'vot unanimu.

16.02.01 Dwar l-attività Rabat Sacrum saret post mortem. Kienu proposti diversi laqgħat mis-Sur Rudolph Grima għall-edizzjoni futura. Issemmew iżda d-,diffikultajiet loġistiċi (majjalata, l-*easels* u l-imwejjed tal-*plastic*. Madankollu l-Kunsill hu sodisfatt bl-attendenza u l-mod kif kienet organizzata. Dwar il-pagamenti, jidhru li l-biċċa l-kbira minnhom tħallsu diġà. — Rabat Sacrum 2024

16.02.02 Dwar il-viżita tas-Sindku ta' Tarquinia, s-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li kienet waħda akkoljenti u intlaqgħet tajjeb mit-tliet VIPs li kellna magħna. — Tarquinia



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

16.03 **Ċedola tal-Pagamenti 374**
Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 374 kienet approvata unanimament bil-proponent u s-sekondant jiffirmaw fuq l-istess formula mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

Ċedola tal-pagamenti

16.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi 91**
L-iskeda tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 91 kienet approvata unanimament bil-proponent u s-sekondant jiffirmaw fuq l-istess skeda.

Skeda tax-xiri, xogħlijiet u servizzi

14.07 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż f'aċċident (Triq tal-Isqof)**
Dan l-allegat aċċident seħħ meta Pulizija ddevjaw it-traffiku fi Triq tal-Isqof minn Triq it-Tiġrija. L-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kienx provdut b'evidenza ta' grif minn veġetazzjoni f'din it-triq, rapport tal-Pulizija u fuq kollox evidenza li l-Pulizija għalqu Triq it-Tiġrija dak in-nhar u dawru l-vetturi fit-triq fejn allegatament seħħ l-inċident fuq il-vettura ta' Toni Mazrekaj. Għaldaqstant it-talba ma ntlaqgħetx.

Inċident fuq vettura – Toni Mazrekaj

14.08 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż f'aċċident (Triq San Franġisk)** Is-Is-Sur Ian Cremona naqas li jipprovdi evidenza li l-inċident seħħ fuq bankina li kienet difettuża, ma ġabx rapport tal-Pulizija u lanqas ma kien hemm testimonjanza tal-Pulizija u jidher ċar li kienet negliġenza min naħa tas-sewwieq li ħaxken mal-bankina jekk verament seħħ hemmhekk l-inċident. Għaldaqstant it-talba ma ntlaqgħetx.

Inċident fuq vettura – Ian Cremona

14.13 **Proposta ta' isem ta' Triq viċin Triq it-Tut**
L-isem propost kien Triq l-Isfejġel. Din it-triq li tinfed min Landrijiet sa' Wied Rini bħalissa qed tingħata kisja konkos mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq talba uffiċjali tal-Kunsill.

Isem ta' triq

16.05 **Rapporti tas-*Selection Board* tal-Clerical Officer u tal-Office Assistant**
Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra ir-rapporti tas-*Selection Boards* fejn għal Skala XVI qed jiġi propost is-Sur Kurt Formosa u għal Skala XV qed tiġi proposta is-Sa Sephora Agius. Is-SE qal illi filwaqt li s-Sur Kurt Formosa hu disponibbli, fil-każ tas-Sa Sephora Agius, diġa' marret taħdem xi mkien ieħor fil-frattemp. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva dawn l-ismijiet. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi irnexxielna ndaħħlu lil Joanne Muscat minflok is-Sa Lorna Quintano li se titlaq. Is-Sa Muscat kienet intervistata wkoll għal Skala XVI, u issa se tidħol magħna permezz tal-*Community Works Scheme.*

Fuq l-istess skema l-Kunsill hu interessat li jdaħħal lis-Sur Kenneth Borg biex jaqta' l-ħaxix ħażin biss mit-toroq fil-kampanja. Rudolph Grima ssekonda lis-Sindku dwar din. Filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni mill-kunsillieri preżenti, s-Sur Nazju Cassar qal li l-Kunsill kien imissu jevalwa/joħroġ mil-ġdid it-tender għaliex biex isir dak ix-xogħol trid il-makkinarju bħal *Bob Cat.* Madankollu issa se ningħataw vann ġdid mid-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni biex jassisti lis-Sur Kenneth Borg.

Rapporti

15.06 **Każ ta' Raphael Carabott**
Se jkun diskuss nhar l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru, 2025 fis-6.00pm f'laqgħa ad hoc tal-Kunsill

Każ Raphael Carabott



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

16.05 **BOV Deposit (only) card għall-Kunsill** Deposit Only Card

Kien hemm qbil unanimu biex issir din il-*card* in vista illi mhux se jibqgħu jiġu aċċettati iċ-cheques fl-envelopes tal-BOV u se jkunu aċċettati biss mill-ATM

16.06 **SPI/SCI/4/2023 CCTV – Bidla mis-sit tas-Saqqajja għal post alternattiv** CCTV

Dwar is-CCTV cameras se jkun hemm bidla għal waħda fuq Misraħ Santu Wistin u oħra fi Triq San Franġisk biex tissorvelja lil dawk li qed speċjalment iwaddbu l-iskart barra bl-addoċċ.

16.07 **Tweġiba għall-Management Letter 2024** Tweġiba għal Management Letter 2024

It-tweġiba kienet mibgħuta qabel l-approvazzjoni tal-Kunsill peress li qbiżna d-data tal-iskadenza u l-uffiċċju tal-Awditur kien se jniżżel li bqajna ma rrispondejnihiex. It-tweġiba ġiet approvata unanimament.

16.08 **Approvazzjoni tal-permessi tal-Festa ta' San Martin fil-Baħrija** Permessi tal-Festa ta' San Martin

Il-permessi kienu approvati biex joħorġu fuq l-istess persuni li kienu applikaw is-sena l-oħra. Mhux se jingħataw permessi ġodda. Il-Kunsill approva unanimament.

16.09 **Tiġdid ta' Vacation Leave tas-Segretarju Ezekuttiv mill-2025 għas-sena 2026** Vacation Leave

It-tiġdid kien approvat u t-talba issa se tintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

16.10 **Twaqqif ta' Kumitat tal-Finanzi (DLG)** Kumitat tal-Finanzi

Kien approvat il-kumitat tal-Finanzi b'dawn il-membri. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, is-Sur Anthony Bonello, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Paul Bugeja l-accountant u l-kunsillieri, is-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Rudolph Grima u s-Sa Graziella Brincat

16.11 **Punti Oħra**

16.11.01 Ta' Qasgħa

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus aġġorna lill-kunsillieri bix-xogħol li qed isir fl-inħawi tal-Kappella ta' Qasgħa mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Hu faħħar ħafna lill-kuntrattur tad-Dipartiment tax-xogħlijiet u l-mod kif qed jaħdem. Dawn ix-xogħlijiet ta' pavimentar qed isiru taħt l-iskema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u mhux qed jiswew flus lill-Kunsill. Il-KLR qabel unanimament ma' dan il-proġett u se jħallas għat-twaħħil u l-provizjoni ta' arbli tad-dawl, litter bins u l-bankijiet mingħand il-kumpanija Mica Med biex ikunu jaqblu ma dawk ta' Triq Santa Rita u l-landscaping mingħand Paradiso Nursery li diġa' kien investa f'dan is-sit ftit tax-xhur ilu.

Għat-talba ta' trinka minn Ta' Qasgħa sas-Sub Station tal-Korporazzjoni Enemalta, l-KLR se jagħmel oġġezzjoni biex ma jerġax jiġri dan propju fi żmien il-Milied. Il-KLR mhux se jittollera ftit patching fuq it-trinka biex terġa tinżel ftit taż-żmien wara f'*reinstatement* skars kif pprovat mill-awtoritajiet, u jesiġi li jingħata wiċċ sħiħ lit-triq.

16.11.02 Monument Ġużeppi De Piro

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq proġett ieħor li hu mistenni li jsir mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Dan se jkun ippavimentat mingħajr ħlas u l-KLR se jordna il-fanali tad-dwal, litter bines u l-bankijiet mingħand Mica Med u l-landscaping mingħand



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

Paradiso Nursery biex ikun jaqbel ma' dak ta' Triq Santa Rita. Hu mistenni li nieħdu refużjoni mil-Fond għall-Iżvilupp tal-Awtorità tal-Ippjanar.

16.11.03 Is-SE tkellem fuq il-proġett ta' Ġnien San Duminku. Hu qal illi wara sentejn se ningħataw il-kumplament tal-fondi bħala rimbors mil-programm tal-Interreg Italia – Malta. Ir-rimbors tal-aħħar xogħol ta' landscaping li tlesta din is-sena minn Paradiso Nursery se neħduh f'Novembru ukoll mingħand Project Green. Ġnien San Duminku

16.11.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-KLR illi se jibdew ix-xogħlijiet tal-pavimentar tal-isqaqien skont ir-rotta turistika biex jinkludu Triq Zondadari, Triq l-Isqof Labini, Triq il-Karrijiet u Triq Bir ir-Riebu. Pavimentar ta' Sqaqien

16.11.05 Kien diskuss il-pjan tat-traffiku f'Għar Barka u wkoll il-problema fi Triq Pietru Gristi. Hawnhekk il-KLR kien infurmat illi l-Perit tal-Kunsill imqabbad ad hoc, il-Perit Thomas Tanti iddiżinja bankini li peremezz tagħhom se jitneħħew ir-rampi ta' taħt il-bankini u fuq kollox jillimita il-parkeġġ għal tlieta fit-triq kollha. Dwar dan, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa li jkun hemm laqgħa tal-Kunsill apposta nhar l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru, 2025 fis-6.00pm. Għar Barka

16.11.06 Is-Sur Nazju Cassar ippropona biex toħroġ it-tender tal-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini. Hawn, xi membri tal-Kunsill ma qablux ma dan għax illum ix-xogħol qed isir minn Infrastruttura Malta u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Barraminhekk, tender ikollu ammont ta' flus li jrid jiġi assenjat. Tender

16.11.07 Is-Sa Charmaine Balzan reġgħet talbet sabiex titwaħħal it-tabella tat-toroq Sqaq Anton Muscat Azzopardi li kienet saret l-ordni għaliha għand l-Alka Ceramics u biex titneħħa dik eżistenti minn Sqaq Santa Barbara. Street Name

16.11.08 Is-Sa Charmaine Balzan talbet biex jitwaħħal dog bin fiz-zona tal-bejjiegħ tal-laħam fi Triq Bir ir-Riebu. Se naraw fejn se jitwaħħal biex ma jdejjaqx nies bir-riħa. Intqal ukoll li lanqas hemm *dog bin* wieħed fil-Belverder ta' Għeriexem bil-konsegwenza li qed ikun hemm il-ħmieġ tal-annimali mal-art. Dog Bins

16.11.09 Is-Sur Norbert Grech u s-Sa Charmaine Balzan ilmentaw minn ipparkjar ħażin fuq *double yellow lines* fi Triq il-Mantell / Triq il-Ġewż kif ukoll fi Triq Rudolph Saliba quddiem bieb ta' garage abjad skuntrat. Tal-aħħar qed jagħmilha mpossibbli biex toħroġ mill-istess garage u jinħtieġ li jitwaħħlu bollards tal-lastiku. Ipparkjar fuq double yellow lines

16.11.10 Is-Sa Charmaine Balzan qalet illi l-kumpanija tal-animazzjoni li użajniha is-sena l-oħra (Sandra) ser terġa' tintuża din is-sena għal Santa's Train. Dwar ir-rigali tal-istess avveniment, se jinxtraw on-line biex l-ispiża tkun orħos u imbgħad titħallas tagħhom is-Sa Balzan. Santa's Train

16.11.11 Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq il-bżonn li l-Kunsill jagħmel xatba fi Triq tal-Virtù biex il-pubbliku minn triq privata ma jidħolx fuq art pubblika. Hija qalet li l-bidwi li jidħol hemmhekk mhux lest li jħallas għaliha għaliex l-iskumdità ġejja minn fuq art pubblika. Xatba

16.11.12 Graziella Brincat insistiet illi titwaħħal speed camera fil-by-pass tal-Imtarfa, Triq il-Maltin Internati. Dan minħabba l-*ispeed* li qed jilħqu l-vetturi mar-roundabout li tpoġġiet dan l-aħħar. Is-Sindku u l-Viċi Sindku infurmaw lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa ma' Transport Malta, is-Sindku enfasizza fuq il-bżonn li jkun hemm speed camera fejn semmiet is-Sa Brincat u fi Triq Tabija. Speed Camera

16.11.13 Suġġeriment ieħor tas-Sa Graziella Brincat kienet illi tiġi kostruwita roundabout fi Triq Bużugrilla biex il-vetturi ġejjin mil-Fiddien ikunu jistgħu iduru għal Triq Bużugrilla mingħajr il-bżonn li jidħlu jdawwru mar-roundabout tal-Imtarfa. Roundabout ġdida

16.11.14 Is-Sa Graziella Brincat semmiet il-bżonn li jitwaħħal *bus shelter* fis-sit Buzugrilla 2. Se nindagaw dwar dan mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Bus Shelter

16.11.15 Dwar l-iskema tal-Milied 2025 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sa Charmaine Balzan infurmat lill-Kunsill illi se niltaqgħu mal-ko-ordinatur nhar l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru, fin-12.30pm u fis-13.30pm se niddiskutu inizjattiva oħra bl-isem Logħob għat-Tfal li għaliha se jkun mistieden is-Sur Carmel Busuttil biex jagħti daqqa t'id. Logħob għat-Tfal u Skema Milied

16.11.16 Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq il-bżonn li ssir il-manutenzjoni quddiem id-djar f'Ħofret ir-Rizz għaliex il-bankina hija mkissra u sabiex titnaddaf is-soft area. Kien hemm qbil unanimu. Tindif u Manutenzjoni

16.12 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-20.00pm u dik li jmiss kien deċiż li tiġi msejħa għal nhar it-12 ta' Novembru, 2025 fil-5.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 12 ta' Novembru, 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*